

# L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca (1928-2016)

**Francesco Pio Attard**

Nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016, fis-7.20am, fl-għomor ta' sebgħa u tmenin sena, miet Monsinjur Ġużeppi Mercieca, li serva lill-Knisja f'Malta għal tletin sena sħaħ bħala l-Arċisqof Metropolita tagħha, bejn l-1976 u l-2006. Hu u ħuh Dun Ġwann, illum Penitenzier tal-Kapitlu Ġorġjan, it-tnejn huma wlied il-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria.

L-ewwel wild ta' Saver u Giovanna mwielda Vassallo, Ġużeppi Mercieca twieled il-Belt Victoria, Għawdex, fil-11 ta' Novembru 1928, u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Trabba f'familja Ġorġjana li kienet toqgħod għad-dell tal-knisja u kellha dverna tal-inbid fi Triq il-Providenza. Wara li attenda fl-Iskola Primarja tal-Gvern, hu daħal fis-Seminarju għall-istudji tal-Filosofija u t-Teoloġija, li hu kompla fl-Università Gregorjana u fl-Università Lateranensi f'Ruma, fejn wara l-ordinazzjoni ggradwa b'dottorat fit-Teoloġija u ieħor *utriusque iure* fil-Liġi Kanonika u Ċivili. Ġie ordnat saċerdot fil-knisja ta' San Ġakbu nhar it-8 ta' Marzu 1952, minn idejn l-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace, u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fis-27 ta' April 1952.

Fl-1 ta' Settembru 1958 hu nħatar Rettur tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, fejn għallem ukoll l-Istorja, l-Ingliż, il-Filosofija, it-Teoloġija Dommatika u l-Liġi Kanonika, sakemm il-Papa Pawlu VI ħatru Mħallef tas-*Sacra Romana Rota* fl-1969, li baqa' konsultur tagħha anki meta sar isqof. F'Ruma hu kien ukoll konsultur tal-Kongregazzjoni għad-Dixxiplina tas-Sagamenti u tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi.



Kien imbagħad fis-27 ta' Lulju 1974 li Monsinjur Mercieca, diġà membru tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex, ġie maħtur Isqof Awżiljarju ta' Malta bis-Sede Titulari ta' Ġemelle fin-Numidja, biex ikun ta' għajnuna għall-Arċisqof Mikiel Gonzi. L-ordinazzjoni saret fid-29 ta' Settembru, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt. Kien Vigarju Ġenerali sakemm sentejn wara, fid-29 ta' Novembru 1976, ġie nnominat Arċisqof ta' Malta, u fit-12 ta' Diċembru għamel l-ingress solenni.

Quddiemu bħala ragħaj spiritwali ġdid ta' Malta, l-Arċisqof Mercieca sab bosta sfidi, li hu affronta b'umiltà, bi prudenza, imma wkoll b'determinazzjoni. Il-pajjiż kien għadu ferut minn sitwazzjoni politiko-reliġjuża diffiċli, u hu ra li kienet il-missjoni tiegħu dik li juri lill-poplu ta' Alla li l-Knisja kienet qribhom. Bata anki personalment minħabba f'hekk. Il-motto tiegħu, *Ilkoll aħwa fi Kristu*, flimkien mal-umiltà u s-sens ta' smigħ li jibqgħu karatteristika tal-personalità modesta tiegħu, servew ta' bażi għall-episkopat kollu. Fi żmienu seħħew bosta żviluppi importanti fl-arċidjoċesi, bħar-riforma tal-Kurja u t-twaqqif ta' kunsilli djoċesani u parrokkjali, il-ħolqien tal-*Media Centre* u l-istazzjon tar-radju tal-Knisja *RTK*, kif ukoll il-ftehim bejn Knisja u Stat fuq il-proprjetà tal-Knisja u l-iskejjel. Bħala parti mit-tiġdid fid-djoċesi, fl-1999 nieda Sinodu Djoċesan.

Fil-11 ta' Ġunju 1991, l-Arċisqof Mercieca ġie maħtur membru tat-Tribunal Suprem tas-Senjatura Appostolika. Fl-1995 ġie maħtur membru tax-Xirka *Ġieħ ir-Repubblika*, u hu wkoll Kappillan Konventwali *Gran Croce* ta' l-Ordni ta' Malta. Fis-17 ta' Jannar 2010 ingħata wkoll *Ġieħ Għawdex*, f'ċerimonja mtellgħa miċ-*Circolo Gozitano*.

Ir-riżenja tal-Arċisqof Mercieca minn Metropolita ta' Malta ġiet aċċettata mis-Santa Sede fit-2 ta' Diċembru 2006. L-aħħar għaxar snin ta' ħajtu għaddiehom fil-Palazz ta' l-Arċisqof, l-Imdina, imma miet f'dar fiż-Żejtun. Wara l-mewt tiegħu, il-Gvern Malti ddikjara tlitt ijiem ta' luttu nazzjonali li tulhom it-tebut kien espost fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt.

Il-Funeral solenni wara l-mewt tiegħu sar fil-Katidral ta' l-Imdina, nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016.